**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 15**

**NHAR L-ERBGĦA 14 TA' SETTEMBRU 2011 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Alex Chetchuti | Membru |
| Anna Paris | Membru |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |

**TALBA**

Il-Viċi Chairperson qalet it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 14 ġew approvati. Wallace Farrugia ppropona. Il-Viċi Chairperson issekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Viċi Chairperson infurmat dwar il-problema tas-Sur Ian Tomlin. Dan ir-resident joqgħod fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Madliena. Dan ilmenta li kull meta jgħaddi xi inġenji kbar qed jaħbtu mall-ġenb tiegħu b'konsegwenza li qed tikkaġunalu ħsara fl-istruttura. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Viċi Chairperson se tikkomunika u tispjega fid-dettal lil dan ir-resident.

2. Il-Viċi Chairperson irrapurtat li ċ-ċint ta' Villa Remigio inbena pero' huwa sar baxx ħafna b'konsegwenza li kull minn irid jista' jidħol fil-propjeta' u jistgħu isiru xi abbużi. Anna Paris ħadet l-inkarigu li tinforma lis-sidien.

3. Il-Viċi Chairperson infurmat dwar l-applikazzjoni mill-MEPA dwar konstruzzjoni ta' parking area fl-entratura tal-Fortizza tal-Madliena. Wallace Farrugia ħa l-inkarigu li jindaga aktar fid-dettal dwar dan il-permess f' isem l-MTA.

**FRANK SALT**
**Chairperson**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

**<u>Mill-Membru Wallace Farrugia</u>**

1. Wallace Farrugia irraporta dwar l-ittra mingħand is-Sur Ian Decesare dwar il-possibilta' ta' kisi bit-tarmak fi Triq l-Inġinier. Il-Membru irraporta li din it-Triq diġa ġiet diskussa f' laqgħat preċedenti. Kien ġie deċiż li din ma ssirx qabel ma jsir ix-xogħol ta' taħt it-triq u dawk esterni fis-sistema tad-dranaġġkif ukoll ir- *rising main*. Wara diskussjoni il-Kumitat ser jikkonsidra il-possibilta' li din it-Triq tingħata kisja temporanja sakemm isir il-proġett tad-dranaġġ. Malli dawn ix-xogħlijiet jitlestew, il-WSC ikunu risponsabbli għax-xogħlijiet ta' tarmac permanenti f' din it-Triq.

2. Wallace Farrugia irraporta biex issir allokazzjoni ta' bozza minn Triq il-Ħarrub li fil-preżent hija installata ma' arblu. U fl-istess ħin jinqala arblu żejjed li hemm f' din it-Triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jagħmel kuntatt mall-kuntrattur tad-dawl.

3. Wallace Farrugia talab biex isiru kuntatti mall-Ministeru tar-Riżorsi Umani sabiex jitħaffef il-proċess tal-ħitan tas-sejjieħ.

4. L-istess membru irrapurta dwar kamra antika fi Triq il-Ħarrub. Hu informa li l-kostruzzjoni tinsab fi stat perikoluż u għaldaqstant għandu jsir rapport lill-Pulizija. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Pulizija diġa ġew infurmati u anki ingħataw rapport mill-Perit tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT**<br>**Chairperson** | **HUGH ZAMMIT**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Mill-Membru Wallace Farrugia**

5. Ġie rrapurtat li saret laqgħa mas-sidien ta' l-egħlieqi li jmissu ma' Triq Pedidalwett. F' din it-Triq kien ser isiru sistema ta' culverts li jiżbokkaw għal ġol-Wied pero' malli saru jafu is-sidien, dawn oġġezzjonaw minnufih. Għaldaqstant il-culverts f' din it-Triq ma jistgħawx isiru. Dan ġie ikkonfermat mill-avukat tal-Kunsill li kien preżenti għall-istess laqgħa. Il-membru informa li dwar tarmac fin-naħa ta' isfel ta' Triq Pedidalwett. Hu ppropona li din għandha issir mall-proġett pero' mhux qabel ma jistlesta il-proġett kollu u ssir indikazzjoni tal-pozzizjoni finanazjarja li jkun fadal wara li jitħallas il-proġett. Il-membru ħa l-inkarigu wkoll li jitkellem mall-kuntrattur dwar parti ta' Triq Zejni sabiex din ukoll tkun inkluża fil-proġett. Il-Kumitat qabel. Il-Kumitat informa li qed ssir ħafna pressjoni sabiex il-parti t' isfel ta' Triq Pedidalwett ukoll tinkesa bit-tarmak.

**Mill-Viċi Chairperson Mary Anne Abela**

1. Il-Viċi Chairperson infurmat li sarulha ilmenti dwar nuqqas ta' litter bins fiż-żona kollha tal-Madliena. Wara diskussjoni ġie deċiż li jiġu ordnati 10 l-istess bħal dawk imwaħħla s-Swieqi.

2. Il-Viċi Chairperson infurmat li attendiet għall-laqgħa tal-MEPA dwar Torre Paulina DCC. Il-kas ma ġiex deċiż.

3. Ġie ppreżentat rapport finanzjarju li jkopri Jannar sa Ġunju 2011.

**Il-laqgħa spiċċat fis-6.30m. Sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2011 fil-5.00p.m.**

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT** | **HUGH ZAMMIT** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |